

L-ADATTAMENT GĦAT-TIBDIL FIL-KLIMA

1. Qabbel il-miżura ta' adattament mad-deskrizzjoni tagħha:

RIĊIKLAĠĠ TAL-ILMA (J)TISQIJA BIL-QATRA ()MILI MILL-ĠDID TAL-ILMA TA' TAĦT L-ART ()ĦAJT MAL-KOSTA ()LQUGĦ TAL-ILMA ()AGRIKOLTURA TA' PREĊIŻJONI ()ĦAJT/SAQAF EKOLOĠIKU ()BIEDJA URBANA ()DAR ANFIBJA ()RIKONDIZZJONAR TAL-ENERĠIJA TAL-BINJIET ()DIVERSIFIKAZZJONI TAL-GĦELEJJEL ()SISTEMI TA' TWISSIJA BIKRIJA ()SISTEMI TAL-ILMA MORMI DOMESTIKU ()

- A)** Dar li hija ankrata mal-art iżda li hija mfassla biex toġhla meta l-ilma jogħla, pereżempju waqt l-għargħar.
- B)** Metodu ta' biedja bbażat fuq l-osservazzjoni, il-kejl u r-rispons għall-varjabbiltà tal-għelejjel. L-għan tiegħu huwa li jottimizza l-produzzjoni filwaqt li jiġu ppreservati r-riżorsi.
- C)** Mekkaniżmu ta' difiża kostali biex jipproteġi żoni abitati mill-marea, mill-mewġ, jew mit-tsunami.
- D)** Tip ta' sistema ta' mikroirrigazzjoni li għandha l-potenzjal li tiffirka l-ilma u tipproteġi n-nutrijenti billi tħalli l-ilma jinżel bil-mod sal-għeruq tal-pjanti, jew mill-wiċċ tal-ħamrija jew midfun taħt il-wiċċ.
- E)** Xi fer naturali jew ħajt artifiċjali elongat li jirregola l-livelli tal-ilma. Normalment isir mal-art u spiss b'mod parallel mal-kors ta' xmara fil-pjanura tagħha tal-għargħar jew tul il-kosti li jinsabu fil-baxx.
- F)** Sezzjoni ta' bini miksija parzjalment jew kompletament mill-pjanti li tinkludi mezz ta' tkabbir, bħal ħamrija, ilma jew sottostrat.
- G)** Użu ta' ilma mormi ġġenerat fid-djar jew fil-bini ta' uffiċċji, ħlief dak tat-toilets, biex jimtlew it-toilets.
- H)** Devjazzjoni tal-ilmijiet tal-għargħar fuq art li tista' tassorbixxihom, li tista' tnaqqas l-impatt ta' nixfiet aktar tard bl-użu tal-art bħala riżerva naturali.
- I)** Titjib tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija, u jsir aktar reżiljenti għall-perjodi ta' temp kiesaħ jew sħun.
- J)** Użu mill-ġdid tal-ilma mormi biex jitnaqqas il-konsum globali tal-ilma u titjib ir-reżiljenza għall-perjodi ta' nixfa.
- K)** Biedja u ġardinaġġ f'ambjenti urbani biex iżidu l-preżenza tal-veġetazzjoni, jipprovdu d-dell, u jattiraw l-organiżmi selvaġġi bħan-naħal.
- L)** Żvilupp użat biex itejjeb l-istat ta' tnejn ta' daww li jieħdu d-deċiżjonijiet u taċ-ċittadini, filwaqt li jipprovdi twissijiet dwar riskji u perikli bħall-għargħar u l-mewġiet ta' sħana.
- M)** Farms li jbiddu t-tipi ta' ikel li jipproduċu u li jkabbru diversi uċuħ tar-raba' biex jagħmluhom aktar reżiljenti għal avvenimenti klimatiċi li jaffettwaw il-ħsad kollu.

L-ADATTAMENT GĦAT-TIBDIL FIL-KLIMA

2. Ħafna pajjiżi tal-UE u gvernijiet lokali diġà ħejjew strateġiji ta' adattament u "pjanijiet ta' azzjoni" biex jindirizzaw l-impatti eżistenti tat-tibdil fil-klima. Peress li r-reġjuni differenti jiffaċċjaw problemi differenti, dawn il-pjanijiet se jkollhom jiġu adattati għal sitwazzjonijiet individwali.

Aħseb dwar ir-reġjun tiegħek stess u pprova oħroġ bi pjan ta' adattament żgħir għalih. Ikkunsidra dawn il-punti:

- Liema huma l-impatti tat-tibdil fil-klima li qed jaffaċċja r-reġjun tiegħek?
- X'jeħtieġ li jiġi protett minn dawn l-impatti? Pereżempju, ir-reġjuni agrikoli se jkollhom bżonn jipproteġu l-għelejjel tagħhom, u r-reġjuni kostali se jkollhom bżonn jipproteġu ż-żoni li jinsabu fil-baxx tagħhom. Kull reġjun ikollu bżonn jipproteġi r-residenti u l-bijodiversità tiegħu.
- Hemm xi miżuri ta' adattament interessanti li taf bihom? Jistgħu jiġu applikati fir-reġjun tiegħek?
- Ħares lejn il-mappa tal-Patt tas-Sindki Globali għall-Klima u l-Enerġija (<https://www.globalcovenantofmayors.org/our-cities/>) u ara jekk tistax issib x'qed jiġri qrib fejn tgħix!

